

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

30.6.2006

B6-0381/2006

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

bi tkomplija għall-Mistoqsija bi tweġiba orali B6-0316/2006

skond l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura

imressqa minn Enrique Barón Crespo

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar l-indikazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini ta' ċerti prodotti importati minn pajjiżi terzi (“marka ta' l-oriġini”)

Indikazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini ta' ċerti prodotti importati minn pajjiżi terzi (“marka ta' l-oriġini”)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 980/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005 li japplika skema ta' preferenzi ta' tariffi ġeneralizzati ¹, – wara li kkunsidra d-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' May 2005 dwar il-prattiċi kummerċjali żleali fis-swieq interni ², – wara li kkunsidra l-Artikolu IX u l-Artikolu XXIV:5 tal-Ftehma Ġenerali dwar Tariffi u Negożju (GATT 1994),
 - wara li kkunsidra l-ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bulgarija, ir-Rumanija, it-Turkija u l-Partijiet Kontraenti taż-Żona Ekonomika Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Rapport Ewropew dwar "Il-Prospetti għar-Relazzjonijiet dwar negożju bejn l-UE u ċ-Ċina"³.
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tas-12 ta' Ottubru 1992 li stabbilixxa l-Kodiċi Doganali Ewropew⁴ u r-regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jstabbilixxi, fost affarijiet oħra, is-sistema dwar regoli mhux preferenzjali dwar l-oriġini⁵,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 918/83 tat-28 ta' Marzu 1983 rigward sistema Ewropea dwar miżuri li jtaffu dazji doganali ⁶,
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-futur tas-settur tat-tessuti u l-ħwejjeġ fl-Unjoni Ewropea wara t-tkabbir" (COM(2003)649),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi fil-preżent l-Unjoni Ewropea m'għandhiex provvedimenti armonizzati jew prattika uniformi dwar marki ta' oriġini fl-Ewropa, ħlief għal xi każi speċifiċi fis-settur ta' l-agrikoltura, billi d-diskrepanzi bejn ir-regolament attwali fl-Istati Membri, kif ukoll in-nuqqas ta' regoli ċari Komunitarji f'dan il-qasam jirriżultaw f'qasam legali frammentat,
- B. billi r-riżultati tal-konsultazzjoni ġenerali mill-Kummissjoni Ewropea mal-partijiet konċernati (l-industriji, l-importaturi, l-għaqdiet tal-konsumatur, it-trejdunġins) dwar l-iżvilupp probabbli ta' regolamentazzjoni ta' l-UE tal-marki ta' oriġini, jindikaw li l-perċezzjoni tar-relevanza ta' marki ta' oriġini rigward l-informazzjoni li jagħtu dwar tħassib dwar sikurezza, implikazzjonijiet soċjali u ambjentali, hija b'mod ġenerali għolja,

¹ ĠU L 169, 30.6.2005, p. 1.

² ĠU L 149, 13.1.2001, p. 22.

³ Minuti ta' dik id-data, P6_TA(2005)0381.

⁴ ĠU L 155, 29.5.1998, p. 60.

⁵ ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

⁶ ĠU L 105, 23.4.1983, p. 1.

- C. billi miżuri nazzjonali li jimponu marki ta' oriġini fuq prodotti importati minn Stati Membri oħra ma' humiex permessi (bħala miżuri li għandhom effett ekwivalenti, li hu inkonsistenti ma' l-Artikolu 28 tat-Trattat tal-KE u mhux possibbli li jiġu ġustifikati bħala miżuri ta' protezzjoni tal-konsumatur) b'riżultat ta' deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea (Każ 207/83), filwaqt li ma hemm ebda limitu fuq marki ta' oriġini madatorji fuq prodotti importanti minn pajjiżi terzi,
- D. billi fl-Aġenda ta' Liżbona l-UE impenjat ruħha li ssaħħaħ l-ekonomija Ewropea permezz ta' inter alia, titjib fil-kompetittività ta' l-industriji Ewropej fl-ekonomija globali, billi, għal ċerti kategoriji ta' prodotti għall-konsumaturi, il-kompetittività tista' tinstab fil-fatt li l-produzzjoni tagħhom fl-Ewropa tiġi assoċjata ma' reputazzjoni ta' kwalità u standards ta' produzzjoni għoljin,
- E. billi skema ta' marki ta' oriġini tippermetti lill-konsumaturi Ewropej li jkunu mgħarrfa tajjeb bil-pajjiż ta' oriġini tal-prodotti li jixtru, billi b'hekk il-konsumaturi jkunu jistgħu jidentifikaw dawn il-prodotti ma' l-istandards soċjali, ambjentali u ta' sikurezza li ġeneralemnt ikunu assoċjati ma' dak il-pajjiż,
- F. billi il-proposta biex tidħol sistema mandatorja ta' mmarkar tal-pajjiż ta' oriġini fl-Ewropa għal numru limitat ta' prodotti importati bħat-tessuti, il-ġojjelli, il-ħwejjeġ, iż-żraben, il-ġilda, il-lampi u tagħmir tad-dawl, oġġetti tal-ħġieġ, u l-boroż tan-nisa li għalihom ir-rekwiżit "made in" jipprovdni informazzjoni essenzjali u ta' siwi għall-għażla finali li jagħmel il-konsumatur,
- G. billi għadd ta' msieħba maġġuri fin-negozju ta' l-Ewropa, bħalma huma l-Istati Uniti, iċ-Ċina, il-Ġappun u l-Kanada adottaw rekwiżiti mandatorji ta' mmarkar ta' oriġini; billi l-esportaturi Ewropej huma għalhekk mistennija li jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti u jkollhom jimmarkaw l-oriġini tal-prodotti tagħhom jekk iridu li jesportaw lejn dawn is-swieq,
- H. billi r-regolament propost huwa kruċjali biex jiġi żgurat li jerġa' jkun hemm kundizzjonijiet ġusti u l-istess bħal ta' dawn l-imsieħba fin-negozju, billi prodotti li joriġinaw fl-Ewropa bħalissa qegħdin f'pożizzjoni żvantaġġuża meta mqabbla ma' prodotti li deħlin fl-UE mingħajr ma jiġu sottoposti għal obbligi bħal dawn,
- I. billi konsumaturi informati aħjar, hekk li jirriżulta li jkun hemm attrattività akbar tal-prodotti Ewropej, jistgħu jkunu ta' inċentiv għal investituri domestiċi u barranin fl-UE; billi dan jista' jkun ta' ġid b'mod partikulari għall-SMEs u setturi li huma esposti għall-kompetittività globali u li huma mistennija li jtejbu l-kompetittività biex jiffaċċjaw aħjar kundizzjonijiet tas-suq li qed jinbidlu,
- J. billi r-rekwiżit "made in", għalkemm mhux fattur deċiżiv, jista' jikkontribwixxi biex inaqas l-iffalsifikar u l-kompetizzjoni inġusta; billi l-effettività tar-Regolament (KE) Nru 1383/2003 ("kontra l-iffalsifikar") effettivament jista' jisseddaq bl-immarkar ta' oriġini mandatorju fuq prodotti importati,
- K. billi l-Ftehma ta' Qafas li ġiet implimentata fis-26 ta' Mejju 2005 u li hija maħsuba biex issaħħaħ djalogu kostruttiv u kooperazzjoni politika bejn iż-żewġ istituzzjonijiet, kif ukoll

biex ittejjeb il-fluss ta' informazzjoni bejniethom, tobbliga lill-Kummissjoni biex iżżomm lill-Parlament infurmat dejjem u fil-pront dwar il-proposti leġiżlattivi tagħha,

1. Tilqa' l-proposta ta' Regolament tal-Kunsill (DOC 2005/0254 (ACC)) li jdaħħal immarkar mandatorju tal-pajjiż ta' orġini ta' ċerti prodotti importati minn pajjiżi terzi fl-Unjoni Ewropea (“marka ta' l-orġini”);
2. Jiddeplora l-fatt li, minkejja li l-Kummissjoni u l-Kunsill kienu għal kollox konxji ta' l-importanza li l-Parlament jagħti lill-kwistjoni ta' l-immarkar ta' l-orġini, il-Kummissjoni lanqas biss bagħtet ir-regolament propost lill-Parlament bħala informazzjoni; il-Parlament Ewropew huwa konxju li din il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 133 tat-Trattat, u għalhekk, legalment ma tirrikjedix il-konsultazzjoni tal-Parlament; madankollu, il-Parlament Ewropew għandu dejjem jingħata l-opportunità li jesprimi l-fehmiet tiegħu f'ħin f'waqtu dwar kwalunkwe inizjattiva rilevanti li ssir minn istituzzjoni Komunitarja oħra;
3. Ifakkar fl-obbligu li għandha l-Kummissjoni li tiżgura li l-Parlament jiġi involut, kif titlob il-Ftehma ta' Qafas Interistituzzjonali tas-26 ta' Mejju 2005, hekk li kemm jista' jkun tiegħu in konsiderazzjoni l-opinjoni jiet tal-Parlament;
4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jinfurmaw lill-Parlament mingħajr dewmien dwar ir-riżultati ta' kwalunkwe evalwazzjoni ta' l-impatt u analiżi legali oħrajn li saru, b'mod partikulari rigward l-inkonsistenzi allegati tar-regolament propost mal-leġiżlazzjoni Komunitarja u mar-regoli tad-WTO li jeżistu bħalissa;
5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jagħmlu enfasi speċjali fuq il-promozzjoni ta' l-impresjoni tajba li tħalli l-industrija Ewropea, kemm ġewwa u kemm barra mill-Komunità, hekk li titħares l-identità u l-ispeċifiċità tagħha, u li tiżgura li r-reputazzjoni ġeneralment tajba ta' l-industriji tal-Komunità ma tittebbax b'immarkar ta' orġini mhux preċiż jew li jista' jqarraq;
6. Jenfasizza li l-prinċipji ta' liberalizzazzjoni tan-negożju jistgħu biss jiksbu aktar appoġġ pubbliku jekk jiġu applikati b'mod trasparenti u konsistenti, kif jitlob il-prinċipju ta' l-applikazzjoni tajba tal-liġi kemm ġewwa u kemm barra l-Komunità Ewropea;
7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jieħdu l-passi kollha neċessarji biex jiżguraw li jkun hemm kundizzjonijiet ġusti u l-istess ma' imsieħba fin-negożju li implimentaw marki ta' orġini mandatorji;
8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex joħolqu mekkaniżmi xierqa għall-infurzar u s-sorveljanza;
9. Jħeġġeġ lill-Istati Membri biex iżommu approċċ konsistenti f'din il-kwistjoni li tista' tgħin lill-konsumaturi Ewropej biex ikollhom informazzjoni aktar sħiħa u preċiża u li tista' tippromwovi l-impresjoni tajba u attrazzjoni akbar ta' prodotti industrijali Ewropej ta' valur għoli, bi ftit jew ebda spejjeż għall-importaturi;
10. Jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tintervjeni bil-qawwa flimkien ma' l-Istati Membri biex tiddefendi d-drittijiet leġittimi u l-aspettattivi tal-konsumaturi kulmeta jkun hemm ħjiel ta' mġieba qarrieqa u/jew frodi, u qerq fl-użu tal-marki ta' orġini minn produttori jew

importaturi barranin;

11. Jifraħ bl-esklużżjoni ta' prodotti li ġejjin mill-Bulgarija, ir-Rumanija u t-Turkija u mill-partijiet kontraenti taż-Żona Ekonomika Ewropea mill-iskop tar-regolament propost, sakemm l-esklużżjoni ta' dawn il-pajjiżi ma tirriżultax f'xi kontravenzjoni tar-regoli ta' l-immarkar ta' l-orijini;
12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.